



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12825/19

DAPIX 290
ENFOPOL 432
ENFOCUSTOM 165
CRIMORG 136
JAI 1030
CH 49
FL 68
N 62
ISL 54

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	7 ta' Ottubru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12093/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' netwerk ta' 'Kapijiet tal-SPOCs'
	- Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Ottubru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' netwerk Ewropew tal-Kapijiet tal-SPOCs għall-iskambju internazzjonali ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi, adottati mill-Kunsill fit-3717-il laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Ottubru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

tas-7 ta' Ottubru 2019

dwar l-istabbiliment

ta' Network Ewropew tal-Kapijiet tal-SPOCs

għall-iskambju internazzjonali ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JFAKKAR fit-theddida kkawżata minn strutturi dejjem aktar flessibbli u transnazzjonali ta' kriminalità organizzata li wasslet lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-iskambju u l-kondiviżjoni tal-assi ta' informazzjoni tagħhom permezz ta' aċċess semplifikat u dirett għal data komprensiva u affidabbli,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-vantaġġi tat-twaqqif ta' unità ta' 'one stop shop' komprensiva f'kull Stat Membru għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-liġi kif indikat fil-manwal ta' prattiki tajbin li jikkonċerna l-Unitajiet ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija fil-Livell Nazzjonali¹,

KONVINT li daww l-unitajiet għal kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-liġi li jaġixxu bħala Punti Uniċi ta' Kuntatt (SPOCs) għandhom jaħdmu flimkien mill-qrib biex iwieġbu aħjar għad-domanda għal appoġġ aktar effiċjenti u aktar rapidu fil-kooperazzjoni internazzjonali,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-risultat pożittiv tal-ewwel erba' laqgħat tal-Kapijiet nazzjonali tal-SPOCs organizzati fil-qafas tal-proġett 'A.T.H.E.N.A.' tal-IMS² u ffinanzjati mill-Fond għas-Sigurtà Interna - Pulizija (ISF1),

¹ 7968/08

² A.T.H.E.N.A.: Indirizzar ta' Taħriġ għal SPOCs bħala Ċentru ta' Network Ewropew ta' Aġenziji tal-infurzar tal-liġi

KONXJU mill-esperjenza pożittiva tal-'laqgħat perjodiċi tal-Kapijiet ta' SIRENE', li matul is-snin stabbilixxew netwerk solidu u effiċjenti,

KONVINT li l-ħolqien ta' netwerk permanenti ta' Kapijiet tal-SPOCs jipprovdi opportunità biex jissaħħu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni kif ukoll biex wieħed jipproċedi flimkien fuq dawn il-linji biex jiġu appoġġati interazzjonijiet u skambji dejjem aktar rapidi u effettivi,

KONVINT li sabiex jitwettqu l-kompiti relatati mat-taħriġ, l-SPOCs għandhom jagħmlu użu minn grupp ewlieni ta' esperti inkarigat mill-evalwazzjoni ta' opportunitajiet għat-taħriġ tal-persunal tal-SPOCs, li jipproponi ħarrieġa kwalifikati u li jappoġġa l-ippjanar tal-attivitajiet ta' taħriġ għall-persunal tal-SPOCs,

JILQA' l-appoġġ tas-CEPOL fl-ippjanar tal-attivitajiet ta' taħriġ għall-persunal tal-SPOCs,

JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen biex jistabbilixxu netwerk ta' Kapijiet tal-SPOCs, li għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena fuq stedina tal-Presidenza tal-Kunsill, sabiex jindirizza suġġetti bħal:

- kwistjonijiet ta' interessi komuni, bħal strumenti legali ġodda, diffikultajiet rigward il-flussi tax-xogħol fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak internazzjonali, li jiddefinixxi l-aħjar prattiki u l-kondiviżjoni tal-esperjenzi,
- il-valutazzjoni tal-effiċjenza tal-kooperazzjoni bejn is-servizzi tagħhom,
- il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar kwistjonijiet relatati mal-iskambju ta' informazzjoni,
- is-sensibilizzazzjoni dwar l-ispeċifikitajiet tal-qafas legali nazzjonali rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi,
- l-identifikazzjoni ta' ostakoli legali u pragmatiċi possibbli għall-kooperazzjoni transkonfinali fl-infurzar tal-liġi u t-tiftix tal-aktar soluzzjonijiet xierqa biex jindirizzawhom,

JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jesploraw opportunitajiet ta' finanzjament, inkluż il-Fond għas-Sigurtà Interna, sabiex jikkofinanzjaw l-attivitajiet tan-netwerk,

JILQA' bħala parti mill-aġenda, il-parteċipazzjoni tal-Istituzzjonijiet tal-UE, u l-aġenziji u l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u JISTIEDEN lil dawn biex jikkooperaw, fejn xieraq, fl-attivitajiet tan-netwerk kull meta jkun meħtieġ l-għarfien espert u l-parir tagħhom,

JITLOB li l-grupp ta' ħidma tad-DAPIX tal-Kunsill ikun infurmat bl-attivitajiet tan-netwerk fuq bażi regolari.
